MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 185/2012

**A A f' isimha kif ukoll fil-kapacita' taghha bhala kuratrici ta' binha B A skont digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru 2012**
**vs**
**C A u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-atturi ipprezentat fit-22 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ippremettew u talbu hekk:-

Illi l-attrici A A kienet mizzewga lill-intimat C A u sseparaw legalment fl-24 ta' Novembru 2011 b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler, kopja ta' liema kuntratt qed jigi hawn anness w mCat bhala Dok. RGl.

Illi l-attrici A A u l-intimat C A kienu ilhom separati *de facto* ghall-zmien twil qabel ma sseparaw legalment u waqt illi

kienu separati *de facto,* l-attrici bdiet relazzjani intima mal-attur Stephen A.

Illi minn din ir-relazzjani intima bejn l-atturi, fit-18 ta' Gunju 2012 twielet tifel bl-isem ta' B, izda billi fit-18 ta' Gunju 2012 ma kienx ghadu ghadda t-terminu preskritt mill-ligi mid-data tas-separazzjoni, l-intimat C A bil-fors illi kellu jigi registrat bhala missier, kopja tac-certifikat tat-twelid qed jigi hawn anness u mCat bhala Dok. RG2.

Illi ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-missier naturali tal-minuri B A huwa l-attur Stephen A, u dana kif jirrizulta b'aktar mod car u inekwivoku mic-certifikat tad- *"DNA Paternity Test",* li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mCat bhala Dak. RG3.

Illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri B A jghajjat l-isem tal-intimat bhala l-missier tal-minuri meta il-missier naturali tieghu huwa effettivament ragel iehor, u cjoe l-attur Stephen A.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat mhux il-missier naturali tal-minuri B A u dana ai termini tal-artikolu 77A u 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna illi l-isem tal-intimat bhala missier il-minuri B ghandu jigi kkancellat mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri u minflok jitnizzel li il-paternita' tal-imsemmi tifel huwa tal-attur Stephen A.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-atturi.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa:-

Illi preliminarjament ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A A giet mahtura bhala

kuratrici tal-minuri B A skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri B A, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti, A A, t'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri B A, kellha relazzjoni intima ma' Stephen A u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor indikaw lil Stephen A bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri B A, u dan *ai termini* tal-Artikoli 778 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent turi li l-pussess ta' stat tal-minuri B A ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu:

Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess Stephen A sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (i) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inseA fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit B bin-numru tar-registrazzjoni 2892 tas-sena 2012;

Illi finalment dejjem rninghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas

ta' agir tal-esponent u kwindi huwa rn'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Novembru 2012 li permezz tieghu innominat lill-attrici A A kuratrici *ad litem* tal-minuri B A.

Rat l-atti kollha

Rat li l-konvenut C A nonostante li gie notifikat bir-rikors guramentat baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2012 l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**PROVI.**

Mic-certifikat tat-twelid tal-minuri B A jirrizulta illi fir-Registru Pubbliku il-genituri tal-imsemmi minuri huma indikati bhala l-konvenut C A u l-attrici A A.

Fl-affidavit taghha l-attrici A A tispjega li ghal habta ta’ April tas-sena 2011 hija kienet telqet mid-dar matrimonjali minhabba problemi li kellha mar-ragel il-konvenut A. Ftit wara hi u l-attur Stephen A bdew jifrekwentaw lil xulxin sakemm din ir-relazzjoni zviluppat f’relazzjoni intima. F’Ottubru 2011 l-attrici indunat li kienet tqila filwaqt li l-kuntratt ta’ separazzjoni gie ffirmat fl-24 ta’ Novembru 2011.

Fit-18 ta’ Gunju 20-12 twieled il-minru B. Qatt ma kien hemm dubju li l-minuri kien iben l-attur Stephen A u mhux iben ir-ragel tal-attrici. Ghalkemm l-attur Stephen A mar jipprova jirregistra lit-tarbija fuq ismu u isem l-attrici, dan ma kienx possibbli peress li meta l-minuri gie konceput, l-attrici kienet ghadha legalment mizzewga lill-konvenut A.

F'Lulju 2012 l-atturi flimkien mal-minuri kienu ghamlu t-test tad-DNA ghand Mr Paul Sultana u Dr Marisa Cassar fejn fit-13 ta' Lulju 2012 gie rilaxxjat id-DNA Paternity Report ezebit a fol 10 tal-process li jiccertifika li l-probabilta' li l-attur Stephen A u l-missier naturali tal-minuri B A hi ta' 99.9999%.

Xhedu bil-mezz tal-affidavit l-attur Stephen A u l-konvenut C A li essenzjalment ikkorroboraw dak li xhedet l-attrici.

Xhedu wkoll bil-mezz tal-affidavit Paul Sultana u Dr Marisa Cassar li kkonfermaw il-kontenut tar-rapport tad-DNA minnhom maghmul datat 13 ta' Lulju 2012.

Ikkonsidrat;

Il-prova xjentifika taqbel mal-pussess ta' stat tal-minuri B A liema stat ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak rikjest mill-artikoli 77A u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie sodisfacentement ippruvat

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, u tiddikjara li l-konvenut C A ma hux il-missier naturali tal-minuri B A izda l-missier naturali tal-minuri huwa l-attur Stephen A.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri B A bin-numri ta' iskrizzjoni 2892/2012 jikkancella l-isem u l-konnotati kollha tal-konvenut C A bhala missier it-tarbija u minflok inizzel bhala missier it-tarbija lill-attur Stephen A karta ta' l-identita' numru 274870M li qed jigi ordnat sabiex zmien gimgha millum jipprezenta fir-registru nota guramentata bid-dettalji indikati f'paragrafu 5 tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku

filwaqt li fid-dettalji tal-omm A A fuq ic-certifikat tat-twelid de quo ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said”.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------